# Żagħżugħ ta' Dejjem

## ta' Dun Karm Psaila

Analiżi magħmula minn

**Carmen Mifsud** – Skola Sekondarja Konservatorju tal-Isqof, Rabat, Għawdex

u

**Marilyn Borg** - Kulleġġ Santa Klara, Skola Sekondarja tal-Bniet, Pembroke





Mistoqsijiet li jistgħu jwasslu għal diskussjoni fil-klassi:

- X'indikazzjoni jagħtina dan it-titlu, dwar it-tema li se jittratta l-poeta?
- Min taħsbu li hu ż-żagħżugħ li se jitkellem dwaru Dun Karm?
- ... dan jista' jibqa' żagħżugħ għal dejjem?

Grupp Deċiżi

# X’jiġri minnhom: persuna, żerriegħa, karozza hekk kif jgħaddi ż-żmien minn fuqhom?

Grupp Deċiżi

Persuna







Sa Marilyn Borg u Sa Carmen Mifsud



Żerriegħa



Grupp Deċiżi

Karozza






Sa Marilyn Borg u Sa Carmen Mifsud

# X’tafu tgħiduli fuq il-baħar: iż-żmien iħalli sinjali fuqu?







Personifikazzjoni – jiem sbieħ tat-tfulija, bla ebda problemi ta' xejn.

Nistħajjel għadhom fuqi
dawk ix-xmux li bisuni fit-tfulija;
u nħoss taż-żmien is-sikka
tħarbex fuq ġbini r-radda tax-xjuħija;

onomatopea

Metafora – Il-poeta jrid jurina li jħossu li xjaħ, dan jidher bis-sinjali tat-tikmix fuq moħħu.

tifrex dlielha l-balluta,
dliel sfieq u ħodor bħalma kienu darba,
meta tfajjel fuq ruħi
kont għar-raba' mid-dar naħrab xi ħarba,

Aspett nostalġiku – issa li xjaħ qed jerġa' jiftakar fi tfulitu u x'kien jagħmel.

Jagħżel l-balluta bi skop, din hija sigra li tgħix ħafna.

Sa Marilyn Borg u Sa Carmen Mifsud

Grupp Deċiżi

Il-ħxunija taz-zokk tindika jekk is-siġra għandhiex ħafna żmien jew le.

iżda t-tiflil tal-qoxra

fuq zokk li jdur xi żewġt iqjiem jew tlieta,

jgħid storja tax-xjuħija

personifikazzjoni

bħalma kellhom fiż-żmien ommha u nannitha;

metafora – qed jurina li ż-żmien ukoll qed iħalli l-effett tiegħu fuq iż-żonqor imxarrab.

sa fuq l-iebes taż-żonqor

li jsewwed taħt is-silġ tal-Alpi, il-lima

tgħaddi tas-snin u tħalli

il-barxa biex turik kemm hi qadima;

Qed isemmi affarijiet differenti li fihom jinħass u jidher l-effett taż-żmien għaddej.

G r u p p D e ċ i ż i

personifikazzjoni apostrofi

fuq wiċċek biss, ja baħar,

żagħżugħ ta' dejjem, jgħaddu s-snin bil-milja,

bl-eluf u bl-għaxart elef,

Metafora – L-immortalità tal-baħar; ma jixjieħx.

u qatt ma jonqxu l-għelma tax-xjuħija;

**Kuntrast** – il-marka taż-żmien tidher "l-għelma tax-xjuħija" fuq il-balluta, iż-żonqor u l-poeta nnifsu, però l-baħar ma jixjieħ qatt, se jibqa' żagħżugħ.

metafora – il-baħar huwa sors ta' ispirazzjoni għall-poeta anzjan, huwa jixxennaq għall-"milja tal-ħajja" li jara fih.

fik il-milja tal-ħajja;

qalbek tħabbat bla hedu u sidrek magħha

personifikazzjoni

jofrogħ u jimla, u tgħoddlok

il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha,

asindeto – tinħass il-ħtieġa li jkun hemm il-konġunzjoni 'u'.

metafora – lill-baħar, il-poeta jagħtih karatteristiċi sbieħ tal-bniedem, il-mewġa qisha l-qalb qed tħabbat.

Il-baħar huwa ppersonifikat, qed jindirizzah fit-tieni persuna singular. Qed jurina li fih bdiet il-ħajja u jurina l-esperjenza li għandu mal-blat.

Grupp Deċiżi

Similitudni – iqabbel lill-baħar ma' bniedem tal-esperjenza, għadda ż-żmien minn fuqu u tgħallem ħafna.

polisindeto

u bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma tal-imħabba, int 'l art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha hi safja u bnina!

personifikazzjoni

Il-baħar ġarrab ukoll l-imħabba, li kienet l-art. Din l-imħabba tagħhom jiddeskriviha bħala waħda safja u bnina, il-poeta qed ifaħħar il-baħar.

Grupp Deċiżi

Kuntrast – jgħaddi għal xi ħaġa negattiva, jiddeskrivi lill-baħar fil-maltemp. Il-poeta jistqarr li jibża' minnu, jimmaġinah tfajjel imqareb jilgħab bl-iġfna.

Iżda meta ta' saħħtek
jogħġbok il-kotra b'xi taqliba tfisser,
u nara 'l sidrek jikber,
l-ħalel bojod fuq il-blat titkisser,

alliterazzjoni

personifikazzjoni – jirreferi għall-mewġ jobrom u jitqawwa.

jaqbadni l-biża', u nibki
narak taqbad l-iġfien u tilgħab bihom,
bla xejn ma taħseb, kiefer!
fid-dmugħ tal-imsejknin li hemm ġo fihom.

alliterazzjoni

Personifikazzjoni; iperbole– jirreferi għall-baħar u jgħid li hu kiefer f'azzjunitu, għax tant kemm hu qawwi l-iġfien jegħrqu fih.

Sineddoke (tip ta' metafora) – qed jirreferi għan-nies li mietu mgħarrqa ġewwa fih. B'mod indirett qed jiftakar f'missieru, li miet mgħarraq waqt li kien qed jaqdi dmiru bħala sajjied.

Grupp Deċiżi

**Volta** – filli qed jitkellem fuq l-ikrah tal-baħar u jgħid li lill-poeta jbeżżgħu, imbagħad jiddeskrivi s-sabiħ tiegħu u dan iwassal lill-poeta biex jistqarr li hu jħobbu, lill-baħar.

Imma togħġobni, nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
apostrofi
tinxteħet fuq ir-ramel
ta' xtajta u kollok ċajt u kollok ħlewwa

metafora – qed iqabbel il-mewġ ma' tfajjel bla ħażen, jarah kalm u kwiet. Huwa qed jirreferi għall-mewġ ħelu li jitkaxkar bil-mod fuq ir-ramel tal-bajja.

tilgħab b'werqa tal-alka,
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta, alliterazzjoni
u tħaxwex dik il-għanja
onomatopea
li tgħallimtha fil-bidu u qatt ma nsejtha.

Personifikazzjoni – il-poeta jimmaġina lill-baħar qed jilgħab mal-alka u l-bebbux li jsib fih innifsu.

Qed jimmaġina l-ħoss tal-mewġ qisu għanja għax ilu jafha ħafna.

Grupp Deċiżi

- Din il-poeżija mibnija fuq ħdax-il kwartina, il-versi huma settenarji u endekasillabi b'mod alternat u rima mqabbża.
- Il-versi jista' jkun li kitibhom b'dan il-mod biex joħloq immaġini tal-mewġ, waħda kiebja (vers settenarju) u oħra qawwija (vers endekasillabu). Dan għax il-baħar hekk, filli kalm u f'daqqa waħda mqalleb u wara ftit jerġa' jikkalma.
- Jispikka **l-motiv tan-natura**, jista' jkun għax il-poeta influwenzat mill-ambjent tipiku raħli.
- Ħjiel **nostalġiku** – fl-ewwel żewġ strofi qed imur lura fil-passat, fit-tfulija, fejn kollox kien aħjar.

Grupp Deċiżi

- Hija **riflessiva** għax jirrifletti fuq affarijiet li huma reali, jaħseb fuq l-eżistenza tiegħu f'din id-dinja.

- Din iġġib magħha s-**solitudni** (għax il-poeta qed iħossu waħdu issa li xjaħ) u l-**malinkonija** (għax il-poeta jħoss dwejjaq peress li għaddej minn żmien ix-xjuħija).

- **Numru ta' kuntrasti**:

  (i) iż-żmien iħalli effett fuq kollox minbarra fuq il-baħar;

  (ii) il-baħar ġieli huwa kalm, sabiħ u jgħaxxqu, iżda jbeżżgħu meta jkun imqalleb għax mhux l-ewwel darba li ħa miegħu l-ħajja tal-bnedmin;

  (iii) minkejja li jbeżżgħu, il-poeta jistqarr li xorta jħobbu.

Grupp Deċiżi

Sa Marilyn Borg u Sa Carmen Mifsud

# L-interpretazzjoni tal-poeżija

Sa Marilyn Borg u Sa Carmen Mifsud

- Il-poeta jibda billi jiftakar – permezz tal-memorja jirrifletti sabiex jifhem il-preżent. Huwa jmur lura lejn it-tfulija u ż-żgħożija biex jifhem l-adultezza.
- Għandna tiftixa tal-kontinwità, tal-ħolqien differenti li bejniethom jistgħu jsawru l-katina waħda, li hi s-sens eżistenzjali.
- La darba jiftakar iż-żmien bikri tiegħu, huwa jistqarr li "is-sikka" taż-żmien ħalliet fuq wiċċu t-tikmix, li juri li xjaħ.
- Tidher l-immortalità tal-baħar, "żagħżugħ ta' dejjem", ma jixjieħ qatt. Dan joħorġu b'kuntrast għax juri li ż-żmien iħalli s-sinjali tiegħu fuq kollox, kemm fuq il-bnedmin u anke fuq dawk l-affarijiet li aħna naħsbu li ma jixjieħu qatt, bħall-balluta u l-iebes taż-żonqor li meta jixxarrab jiswied.

Grupp Deċiżi

- Jippersonifika lill-baħar billi jgħid li minn fuq wiċċu jgħaddu s-snin bla ma jħallu l-ebda marka tax-xjuħija, għalhekk hu żagħżugħ ferħan dejjem.

- Għal Dun Karm, il-baħar hu għajn ta' enerġija, l-aktar f'mumenti iebsa, bħal dawk tax-xjuħija. Dan il-baħar qed iservi bħala sors ta' ispirazzjoni għall-poeta, li xjaħ.

- Il-poeta hu affaxxinat mill-qawwa u s-sbuħija li jaf joffri l-baħar, għalkemm xi waqtiet jibża' minnu meta jkun il-maltemp u jara l-baħar imqalleb jhedded il-ħajja tal-baħħara, hu xorta waħda jibqa' jitpaxxa bih.

Grupp Deċiżi

- Il-poeta jikxef magħna r-relazzjoni li għandu mal-baħar b'numru ta' frażijiet bħal "jaqbadni l-biża'", "nibki narak", "togħġobni", "inħobbok". B'mod indirett dawn jistgħu jwasslu għall-emozzjonijiet li kien iħoss il-poeta fil-konfront tan-nuqqas ta' missieru.

Grupp Deċiżi

# Temi li joħorġu

- Tifkiriet tat-tfulija
- Il-mortalità vs l-immortalità
- L-eżistenza tal-bniedem vs l-ambjent

Grupp Deċiżi

*TMIEM*

*GRAZZI*

Sa Marilyn Borg u Sa Carmen Mifsud